# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 24 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Khalid Brik**
**Ismael Karamoko**
**Frederic Mara**
**Mehdi Fayad**
**Camelia Farah Franco Zair**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:-

**Khalid Brik** ta' 21 sena, mwieled Franza nhar it-3 ta' Lulju, 1994, iben Benamar u Zahra u residenti gewwa Spinola Hotel, Triq il-Qaliet, San Giljan u detentur tal-Passaport Franciz bin-numru: 15CK73955; u

**Ismael Karamoko** ta' 19 sena, mwieled Franza nhar it-3 ta' April, 1997, iben Lassina u Viviane nee' Gnegnery u residenti gewwa Spinola Hotel, Tiq

il-Qaliet, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita; Franciza bi numru: 15097500706; u

**Frederic Mara** ta' 22 sena, mwieled Franza nhar is-26 ta' Dicembru, 1993, iben Mamad Jean u Claudia nee' Balanet residenti gewwa residenza mhux maghrufa f'Paceville, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' Franciza bin-numru:- 080991202124; u

**Mehdi Fayad** ta' 19 sena, mwieled Montreal, Kanada nhar it-22 ta' Dicembru, 1996, iben Akram u Mouna nee' Elbariz residenti gewwa post mhux amghruf gewwa San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru: EJ640368; u

**Camelia Farah Franco Zair** ta' 18 sena, mwielda Ecublens VD nhar il-15 ta' Settembru, 1997, bint Cosme' Franco Riesco u Aicha nee' Zair residenti gewwa Flat San Gwann (mhux maghruf) u detentrici tal-Passaport Svizzeru bin-numru: X3411799.

Akkuzati talli nhar il-21 ta' April, 2016 ghall-habta tal-02:30hrs f'San Giljan u fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jiqeghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Habib Salif Saidu;

2. Talli fi glieda accidentali, hadu parti attiva meta wettqu griehi ta' natura gravi fuq il-pesuni ta' Habib Salif Saidu;

3. Talli qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu offiza fuq il-persuni ta' Habib Salif Saidu;

4. Ikkommettew serq ta' elf u mitejn euro (€1200) fi flus kontanti, zewg credit cards HSBC, wallet iswed, mobile phone tal-ghamla Samsung li jiswa Euro 500, arlogg Casio li jiswa tlett mija u hamsa u sebghin euro (€375), gizirana ta' deheb, oggetti ohra u dokumenti personali ghad-dannu ta' Habib Salif Saidu u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, aktar minn mitejn tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) pero' anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37 euros) u bil-hin.

5. U aktar talli volontarjament kisru il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom huma qed jinstabu hatja l-imputati min-naha, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 261(c)(f) , 237(c), 238(b), 267, 270 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qedj igu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**